2024/1821

27.6.2024

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1821

tal-25 ta' Ġunju 2024

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kaseinat tal-ħadid tal-ħalib miżjud fl-ikel u użat fil-manifattura tas-supplimenti tal-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(5) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006 jistabbilixxu l-lista ta' vitamini u sustanzi minerali li jistgħu jiżdiedu mal-ikel u l-forom li fihom jistgħu jiżdiedu.

(2) L-Annessi I u II tad-Direttiva 2002/46/KE jistabbilixxu l-lista ta' vitamini u sustanzi minerali li jistgħu jintużaw fil-manifattura tas-supplimenti tal-ikel u l-forom li fihom jistgħu jiżdiedu.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/949 ([3]) awtorizza l-kaseinat tal-ħadid tal-ħalib bħala ikel ġdid f'ċertu ikel u supplimenti tal-ikel, fost prodotti oħrajn, soġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi.

(4) Matul il-proċess tal-awtorizzazzjoni, fl-4 ta' Awwissu 2022, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ħarġet opinjoni xjentifika ([4]) li fiha kkonkludiet li l-kaseinat tal-ħadid tal-ħalib huwa sikur fil-kundizzjonijiet tal-użu proposti u li huwa sors li minnu l-ħadid huwa bijodisponibbli.

(5) Abbażi ta' dik l-opinjoni xjentifika, il-kaseinat tal-ħadid tal-ħalib ġie inkluż fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat prevista fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([5]).

(6) Il-Kummissjoni tqis li l-opinjoni tal-Awtorità tipprovdi bażi suffiċjenti biex jiġi stabbilit li l-użu tal-kaseinat tal-ħadid tal-ħalib kif awtorizzat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/949, meta jintuża fl-ikel u fis-supplimenti tal-ikel kif speċifikat fih, u eskluż l-użu għat-trabi u għat-tfal żgħar, mhux ta' ħassib għas-sikurezza bħala sors ta' ħadid.

(7) Abbażi tal-opinjoni favorevoli tal-Awtorità u tal-awtorizzazzjoni bħala ikel ġdid kif stipulat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/949, jenħtieġ li l-kaseinat tal-ħadid tal-ħalib jiġi inkluż fl-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE u fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006 bħala forma ta' ħadid.

([1]) ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51.
([2]) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 26.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/949 tat-12 ta' Mejju 2023 li jawtorizza l-introduzzjoni fis-suq tal-kaseinat tal-ħadid tal-ħalib bħala ikel ġdid u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 (ĠU L 128, 15.5.2023, p. 60).
([4]) EFSA NDA Panel. Safety of iron milk proteinate as a novel food pursuant to Regulation (UE) 2015/2283 and bioavailability of iron from this source in the context of Directive 2002/46/KE (*EFSA Journal* 2022;20(9):7549).
([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

(8) Ġie kkonsultat il-Grupp Konsultattiv dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u tal-Pjanti u tqiesu l-kummenti tiegħu.

(9) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE u l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006 jiġu emendati skont dan.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

(1) Fil-punt 2 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006, l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn l-entrata għall-"ħadid elementali (karbonil + elettrolitiku + idroġenu imnaqqas)" u l-entrata għall-"karbonat tar-ram":

"kaseinat tal-ħadid tal-ħalib (*)

_____

(*) Kif elenkat fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).".

(2) Fil-Punt B tal-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE, l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn l-entrata għall-"EDTA ferriku tas-sodju" u l-entrata għat- "taurate ħadid (II)":

"kaseinat tal-ħadid tal-ħalib (*)

_____

(*) Kif elenkat fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.".